Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2456

Kaz Numru 3305/MF
Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Jonathan Micallef ID No
107583 (M)

U

Mannarinu Ltd 9C 18545)

Dwar allegazzjoni ta' tkeccija
ingusta

Illum 16 ta' Jannar 2017

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 11 ta'Ottubru 2014 mill-Avukat Dr. David Camilleri li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Jonathan Micallef fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Jonathan Micallef maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukati Dr. David Camileri u Dr, Joseph Gatt u ghall-Kumpanija Mannarinu Ltd deher Dr. Paul Borg Olivier.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien dahal jahdem mal-kumpanija fis-sena 2002 bhala kitchen helper. Qatt ma ninghata xi tip ta' warning fuq il-post tax-xoghol. Gie allegat li kin seraq kartuna bajd

u ghalhekk gie infurmat li gie mkecci li skond l-appellant dan ma kien xejn minnu.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li kien Jonathan Micallef li abbanduna l-post tax-xoghol wara suspett li kien seraq xi haga mill-post tax-xoghol.

**PROVI**

Xehed Noel Borg quddiem it-Tribunal Industrijali fejn qal li kien ra lill-Jonathan Micallef jiehu kartuna halib u bajd minn fuq lant tax-xoghol u jahbihom fil-cold room. Kien kellmu u l-ghada Jonathan Micallef ma marx ghax-xoghol.

Xehed Jonathan Micallef fej qal li fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu kien qieghed jaghmel l-irkotta u nnega li dahhal xi bajd fil-cold room. Gie infurmat mill-imghallem sabiex ma jmurx jaghmel il-part-time dik il-gurnata u l-ghada ma jmurx ghax-xoghol.

Xehed Konrad Vella li huwa l-accountant tal-kumpnaija fejn qal li bghadt ittra u t-termination notice tal-ETC fejn indika li Jonthan Micallef kien abbanduna x-xoghol pero kellmu Jonthan Micallef u qallu li r-raguni tat-terminzjoni kienet hazina u li kien irrizenja.

Rega xehed Noel Borg li huwa l-propjetarju tal-kumpnaija fejn qal li l-ewwel wiehed li dahhal bhala impjegat wara Janathan Micallef kien xi gimghatejn wara.

Rega xehed Jonthan Micallef fej spjega li mal-gurnata kien jahdem mieghu jaghmel il-qassat u l-pastizzi u filghaxija kien jahdem go gabbana jbiegh l-istess affarijiet. Kien imur kulljum. Illum sab xoghol u dan beda wara gimgha u l-paga hija l-istess.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jrid jidhol fid-dettal ghax jirrizulta illi t-tkecccija jew l-abbandun ma tanx hija cara. Jidher car illi l-principal Noel Vella dahhallu suspett li l-impjegat Jonathan Micallef kien qieghed nisraqlu xi affarijiet u bhala

fatt haseb li qabbdu u cempillu sabiex iwissieh u biex ma jidholx ghax-xoghol tal part-time. Jonathan Micallef beda jahseb li gejja t-tkeccija u beda ifittex xoghol immedjatament u sab u ma marx aktar ghax-xoghol. Ghalkemm wiehed qieghed jghid li abbanduna x-xoghol u l-iehor qieghed jghid li tkecca jirrizulta illi Jonathan Micallef haseb li gejja t-tkeccija u mar isib xoghol iehor. Bhala fatt ma inhadimx n-notice period u dan kien jaqbel ghaz-zewg nahat. Li huwa cert li l-principal beda jissuspetta f'Jonathan Micallef u donnu Jonathan Micallef beda jhossu li mhux aktar fdat.

It-Tribunal jikkonkludi ghalkemm ma kienx hem mbizzejjed provi li Jonathan Micallef kien qieghed jisraq xi affarijiet jirrizulta illi Jonthan Micallef ried jitlaq u bhala fatt hekk ghamel.

It-Tribunal mhuwex konvint illi kien hemm kaz ta' tkeccija ingusta. Il-fatti kif gew esposti jigifieri dawk hawn fuq imsmmija jaghti lok illi din il-kumpanija kienet ser tkeccieh u Jonthan Micallef qabad u telaq min rajgh. B'hekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi it-Tribunal ihoss li ma hemmx kaz ta' tkeccija ingusta.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Jonathan Micallef ma rnexxielux jipprova li kien sofra xi tkeccija ingusta.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju